MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 277/2004

**Thomas Mizzi**

**vs**

**Anton Zampa**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba ta’ l-attur ghall-kundanna tal-konvenut prevja kull dikjarazzjoni opportuna, inkluza izda mhux biss li ddekada minn kull beneficcju ghall-hlas ta’ pagament, ghall-hlas lill-attur tas-somma ta’ elfejn u mitt lira Maltin (Lm2,100.00), rapprezentanti bilanc minn somma akbar, liema bilanc irrizulta skond skrittura minnu ffirmata datata 3 ta’ Novembru, 2003 (Dok. A).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-26 ta’ Mejju, 2005, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------